**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Gunju, 2016

Rikors Kongunt Nru : 212/16 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

ILLI l-partijiet iżżewgu f'Malta fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa nhar l-erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan kif jirriżulta minn kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A';

ILLI l-partijiet għandhom żewġt (2) itfal, u cioe` Martina li twieldet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) u Patrizia li twieldet fl-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002), aħwa Degiorgio u dunque għadhom minorenni;

ILLI l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Cauchi sa mill-ħmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (15.07.2013) u dan kif jirriżulta minn kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'B';

ILLI fiċ-ċirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li kienu sseparaw legalment, kienu ilhom snin twal jgħixu *de facto* mifrudin minn xulxin u kull parti kienet u għadha ssegwi ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

ILLI a tenur tal-klawsola numru tlettax (13) tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin għalihom personali bl-iktar mod irrevokabbli u assolut;

ILLI wkoll a tenur tal-klawsola numru sebgħa u għoxrin ittra a (27a) tal-kuntratt ta' separazzjoni *de quo*, ir-Raġel obbliga ruħu li jħallas lill-Mara bħala manteniment għall-ulied minuri s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar għal kull wild u cioe` is-somma komplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500) fix-xahar għaż-żewġ (2) ulied u nonċio', oltre l-manteniment fuq imsemmi, a tenur tal-klawsola numru sebgħa u għoxrin ittra b (27b) tal-istess kuntratt, ir-Raġel ukoll jobbliga ruħu li jħallas lill-Mara s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għal kull wild u cioe' is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar għaż-żewġ (2) uliedu, versu spejjeż straordinarji, u fil-fatt ir-Raġel dejjem ħallas dan il-manteniment u qatt ma kien hemm xi problema dwar inadempjenza f'dan ir-rigward;

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Mejju, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-15 ta' Lulju 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.